MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tal-5 ta' April, 2013

Appell Civili Numru. 414/2004/1

**Antoinette Bugeja f'isimha proprio u f'isem bintha Maria**

**v.**

**Joseph Bugeja**

**Il-Qorti:**

Rat ic-citazzjoni li pprezentat l-attrici fis-7 ta' Dicembru, 2004, li taqra hekk:

"Peress illi l-kontendenti zzewgu fit-30 ta' Jannar tas-sena 1993 fil-Knisja ta' Sant Antnin, Ghajn Dwieli, kif jirrizulta

mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u markat Dok A, u mil-liema zwieg taghhom twieIdet tifla ghadha minuri bl-isem ta' Maria ta' hdax (11)-il sena li twieldet fl-10 ta' Dicembru tas-sena 1993 u dan kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid ta' l-istess minuri hawn anness u markat Dok B.

“Peress illi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti saret impossibbli minhabba sevizzi, eccessi, abbandun, minacci, u ingurji gravi, kommessi mill-konvenut kontra l-attrici, u minhabba li z-zwieg tkisser irrevokabbilment, kif se jirrizulta fil-kors tal-kawza.

“Peress illi in oltre l-hajja konjugali bejn il-partijiet saret impossibbli minhabba inkompatibilita` ta' karattru;

Peress illi l-attrici ottjeniet minn din l-Onorbbli Qorti digriet sabiex tipprocedi b'din il-kawza (Digriet numru 1157/04) moghti fil-15 ta' Novembru 2004 hawn anness u markat DokC.

“JGHID GHALHEKK il-konvenut ghar-ragunijiet premessi, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna, ghalfejn ma ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

“1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjugi Bugeja minhabba eccessi, sevizzi, abbandun, minacci u ingurji gravi li l-imsernmi konvenut ikkommetta kontra martu l-attrici u/jew minhabba li z-zwieg tkisser irrevokabbilment;

“2. Tordna lill-istess konvenut ihallas lill-attrici personalment u lil binthom minuri manteniment li joghgobha tiffissa din il-Qorti skond il-bzonnijiet ta' l-imsemmija attrici u l-minuri u l-mezzi tal-konvenut, bil-modalita` ta' hin, lok u gumata ta' pagament Ii tigi wkoll stabbilita inkluz provvediment ghaz-zjieda perjodika sabiex taghmel tajjeb ghall-awment fl-gholi tal-hajja u ghat-tnaqqis dirett mis-salarju tal-konvenut.

“3. Tapplika kontra l-konvenut l-effetti tad-dispozizzjonijiet ta' l-Artikoli 48,50 u 51 tal-Kodici Civili tal-Ligijiet ta' Malta fis-shih jew parzjalment b'dan illijekk ikun

il-kaz, il-konvenut jitlef kull jedd li ghandu ghan-nofs l-akkwisti illi waqt iz-zwieg ikunu saru l-aktar bil-hila ta' l-attrici u dan minn data li tigi stabbilita minn din il-Qorti bhala d-data meta l-konvenut ta.lok li ssir din is-separazzjoni;

“4. Ixxolji u tillikwida l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti okkorrendo b'opera ta' perit nominand.

“5. Tillikwida l-istess komunjoni u taqsamha f'zewg porzjonijiet mhux necessarjament ugwali;

“6. Tikkundanna lill-konvenut sabiex jikkonsenja lill-attrici fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss il-beni kollha dotali u parafemali taghha inkluz flus u deheb u fin-nuqqas tikkundannah ihallas lill-attrici l-valur taghhom kif jigi likwidat okkorrendo permezz ta' perit nominand.

“7. Tordna illi d-dar konjugali Entrance B, Flat 2, Binja Kordin, Pjazza Sant' Antnin, Paola, tkun ir-residenza esklussiva ta' l-attrici u bintha Maria.

“Bl-ispejjez kontra l-konvenut Ii minn issa huwa ingunt in sUbizzjoni.”

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li in forza taghha eccepixxa li:
“1. Illi qabel xejn jirrileva loi gie notifikat bic-citazzjoni ricentament waqt seduta quddiem il-Perit Legali Dr M. Ciliberti.

“2. Illi huwa jaqbel li ghandha tigi pronunzjata s-separazzjoni personali imma ghal ragunijiet imputabboli lill-attrici fosthom sevizji, eccessi abbandun, minacci, ingurji gravi u anke vjolenza.

“3. Illi l-konvenut qed jaqbel mat-talba ghas-separazzjoni personali ghaliex minkejja li ghamel sforzi biexz martu tirritorna d-dar matrimonjali, riedet tibqa’ tghix ma’ missierha, biex iddur bih.

“4. Illi z-zwieg tal-kontendenti tfarrak uko minhabba indhil esagerat minn missier l-attrici.

“5. Illi l-konvenut huwa bnedem marid hafna, tilef id-dawl minn ghajn wahda u jara biss ftit mill-ghajn l-ohra apparti l-pressjoni kbira li ghandu. Ghalhekk gie ‘boarded out’ ghal ragunijiet medici u m’ghandux mezzi x’jaghti f’manteniment u ghalhekk, peress li a jahdimx it-tieni talbna attrici ghandha tigi michuda.

“6. Illi peress illi m’hemmx ragunijiet validi fil-fatt u fid-dritt, it-tielet, il-hames, is-sitt u s-seba’ talbiet attrici ghandhom jigu michuda.

“7. Illi r-raba’ talba ghandha tigi milqugha u l-komunjoni tal-akkwisti ghandha tigi maqsuma u likwidata f’ishma ugwali bejn il-partijiet.

“8. Illi l-kura u l-kustodja tat-tifla minuri Maria ghandha tigi fdata f’idejn il-konvenut peress illi dan huwa fl-interess tal-istess minuri Maria.

“9. Illi dwar id-dar konjugali u cioe` l-fond Entrance B, Flat 2, Binja Kordin, Pjazza Sant’Antnin, Paola ghandha tigi mhollija ghar-residenza esklussiva tal-konvenut u bintu b’eskluzjoni tal-attrici li kienet vjolenti mieghu.

“Salvi eccezzjonijiet ohra ulterjuri kif premessi bil-ligi.”

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti Civili, Sezzjoni Familja, fis-26 ta’ Jannar, 2012, li in forza taghha ddecidiet il-kawza billi:
“[1] tilqa’ l-ewwel talba fis-sens li tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet bi htija, mhux ugwali, tat-tnejn;

“[2] tichad l-ewwel parti tat-tieni talba, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kumplament stante li t-tifla llum hija maggjorenni;

“[3] tilqa’ t-tielet talba, fis-sens li tapplika fl-intier tieghu l-artikolu 48 tal-Kap.16, fil-konfront taz-zewg partijiet;

“[4] tilqa’ ir-raba’, il-hames u s-sitt talba, fit-termini u kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata ‘Komunjoni ta’ l-Akkwisti’;

“[5] tichad is-seba’ talba, filwaqt li tordna li l-konvenut jivvaka l-imsemmi fond fi zmien sena millum;

“L-ispejjez ghandhom jigu sopportati konguntivament bejn il-partijiet, mill-konvenut in kwantu ghal zewg terzi [$^2/_3$], u r-rimanenti terz [$^1/_3$] jibqa’ a kariku ta’ l-attrici.”

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
“**Azzjoni**

“Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qieghda titlob is-separazzjoni personali minn ma’ zewgha l-konvenut stante li l-hajja konjugali m’ ghadhiex aktar possibbli, u z-zwieg tkisser irrimedjabbilment, ghal ragunijiet imputabbli lill-istess konvenut fit-termini ta’ l-artikoli 40 u 41 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

“Minn naha tieghu, il-konvenut isostni li l-htija tat-tifrik taz-zwieg tirrisjedi fuq l-attrici fit-termini ta’ l-artikoli tal-ligi fuq citati.

“**Separazzjoni personali**

“Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewgu fit-30 Jannar 1993, u minn dan iz-zwieg twieldet it-tifla D fl-10 Dicembru 1993, u li llum hija maggjorenni.

“Fis-26 Lulju 2004, wara konvivenza turbolenti ta’ hdax-il sena, l-attrici telqet, flimkien mat-tifla, allura minorenni, mid-dar konjugali u marret tirrisjedi ma’ missierha fid-dar tieghu, filwaqt li l-konvenut baqa’ jirrisjedi fid-dar konjugali.

“*Verzjoni Attrici*

“L-attrici tilmenta mill-karattru dominanti u aggressiv tal-konvenut li kien jghajjat maghha u mat-tifla, kien

jghajjarha u jheddidha, u kien anke jerfa’ idejh fuqha ta’ spiss. Tghid li l-konvivenza matrimonjali kienet karatterizzata bi glied, ghajjat u tghajjir, u swat da parti tieghu.

“Tghid li lilha ma kienx jirrespettaha, u taghti tort ukoll lil ommu li, skond l-attrici, kienet tindahal b’ mod esagerat f’ dak li kellu x’ jaqsam maghhom. Hija kellha relazzjoni hazina ma’ ommu, u dan ikkontribwixxa ghat-deterjorament tar-relazzjoni matrimonjali.

“Tghid li, filwaqt li l-konvenut kien jonqfoq il-flus bla razan ghalih innifsu, lilha u lit-tifla kien ihallihom neqsin, tant kien xhih maghhom. Huwa kien ghazzien u kien jaghmel minn kollox sabiex ma jmurx ghax-xoghol, tant li kien mar ghand diversi tobba sabiex jipprova jigi *boarded-out*.

“L-attrici tghid li l-konvenut kellu hbiberija ma’ nisa ohra, u ssemmi zewg nisa li kienu jahdmu mieghu. Hija tghid li kien iffissha fuq il-kugina taghha Jennyfer Caruana, tant li kien jffittaha u jsegwiha sabiex jibda relazzjoni maghha, izda dina ma kinitx tatu wicc. L-attrici tallega komportament indicenti da parti tal-konvenut fil-konfront ta’ binthom meta dina kienet ghadha minorenni.

“*Verzjoni Konvenut*

“Il-konvenut minn naha tieghu jghid li l-attrici kienet dominanti u arroganti fil-konfront tieghu sa minn zmien l-gherusija, tant li kienu dejjem bil-glied. Jghid li missierha kien jindahal hafna u kien jghawwiha kontra tieghu.

“Jiddeskrivi l-hajja mizzewga bhala *“tortura kontinwa”*[1]. L-attrici kienet riluttanti fir-relazzjonijiet intimi. Kienet ukoll issawwat lit-tifla tas-spiss, u anke lilu. Huwa jichad dak allegat fil-konfront tieghu mill-attrici, partikolarment li kien jabbuza minn bintu, u jghid li dina kienet mossa sabiex iccahhdu milli jkompli jara lit-tifla wara s-separazzjoni *de facto.*

[1] Vol.2 – fol.340

“Huwa jichad li kien xhih mal-familja tieghu, u jispjega li hu kien waqaf jahdem minnhabba kondizzjoni medika kemm f’ sahhtu kif ukoll f’ ghajnejh, kif certifikat[2] mit-tabib Dottor Vincent Moran, u mill-Oftalmologu Dottor Carmel Buttigieg. Dawn it-tobba ccertifikaw li l-konvenut ma kienx tajjeb ghax-xoghol, u fil-fatt huwa kien waqaf jahdem fil-21 Settembru 2005 u gie eventwalment *boarded-out* fis-26 ta’ Awwissu 2006 meta beda jiehu l-beneficju tal-mard.

“Il-konvenut jghid li martu kienet taf li zewgha kien ibati b’ vista qasira, tant li kienet takkompanjh ghand l-ispecjalista’. Izda minkejja li hi taf li zewgha ma kienx kapaci jahdem, anke minhabba l-kondizzjonijiet medici l-ohra, u minkejja li sas-sena 1993 hi kienet tahdem fl-*operating theatre* l-isptar, hija xorta wahda waqfet mix-xoghol fil-bidu taz-zwieg, u ma regghetx harget tahdem; u li llum, minkejja li ma jirrizultax li hi tbati minn xi kondizzjoni medika li timpediha milli tahdem, hija xorta wahda ma tahdimx, izda baqghet tezigi l-manteniment minghandu.

“Illi fid-dikjarazzjoni guramentata tieghu l-konvenut jghid li *“dak li qalet l-attrici huwa essenzjalment qarrieqi u mhux minnu peress li hi li kissret z-zwieg ghaliex minn dejjem riedet tibqa’ tghix ma’ missierha kif fil-fatt qed taghmel.”*[3]

“*Konsiderazzjonijiet tal-Qorti*

“Illi l-Qorti, wara ezami rett tal-provi, u wara li rat ir-rapport tal-perit legali, u n-noti ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet, hija tal-fehema li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment, kagun ta’ inkompatibilita’ qawwija fil-karattri taz-zewg partijiet, li impediethom milli jasslu ghall-kompromessi fiz-zwieg bil-ghan li jghixu konvivenza pacifika. Rizultat ta’ dan, il-konvivenza taghhom kienet karatterizzata b’ tilwim u glied kontinwu, biz-zewg partijiet jinfexxu f’ komportament abbuziv reciproku li, ezercitat fuq bazi abitwali u ripetut, jikkostitwixxu sevizzi fit-termini ta’ l-artikolu 40 tal-Kap.16.

[2] Vol.1 – fols.100-101 – certifikati esebiti
[3] Vol.1 – fol.120

"Illi z-zewg partijiet cahdu dak imputat lilhom reciprokament, u, filwaqt li l-verzjoni tal-attrici ssib konfort fix-xhieda tal-habiba taghha, dik tal-konvenut issib konfort fix-xhieda ta' missieru. Jidher ukoll li t-tifla minuri kienet taht l-influwenza ta' ommha l-attrici, ghalkemm jirrizulta mill-provi li l-attrici kienet issawwat lit-tifla.

"Illi l-Qorti tosserva pero', li ghalkemm il-konvenut cahad b' mod generiku dak imputat lilu mill-attrici, izda huwa naqas li jichad dak li xehdet b' mod dettaljat l-imsemmija Jennyfer Caruana fl-affidavit taghha, u ghalhekk, il-Qorti hi tal-fehema li ghandha taghti affidament lill-verzjoni tal-fatti kif moghtija minn din ix-xhud, fis-sens li l-konvenut, b' mod apert, kien jiffitta lil din il-mara biex ikollu relazzjoni maghha meta huwa kien ghadu jikkonvivi ma' martu. Dan, jikkostitwixxi ngurja gravi da parti tieghu fil-konfront ta' l-attrici, fi-termini ta' l-artikolu precitat, u kienet parti mir-raguni ghaliex l-attrici ddecidiet li titlaq mid-dar konjugali. Fi kliemha: *"Ma stajtx nifilhu aktar. Barra minn hekk kellu mohhu f' haddiehor."*[4]

"Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hi tal-fehema li t-talba ghas-separazzjoni personali hi gustifikata fil-fatt u fid-dritt, bi htija, mhux ugwali, taz-zewg partijiet. Il-komportament abbuziv tal-partijiet fil-konfront ta' xulxin, ghandu jattira l-applikazzjoni ta' l-artikolu 48 tal-Kap.15 fil-konfront tat-tnejn.

"**Kura u Kustodja**

"Illum dan il-kap huwa sorvolat peress li t-tifla saret maggjorenni.

"**Manteniment**

"Illi kif fuq indikat, il-komportament tal-partijiet matul il-konvivenza, wassal ghad-dekadenza taghhom fit-termini ta' l-artikolu 48.

[4] Vol.2 – fol.337

"Inoltre, jigi osservat li llum l-konvenut jghix bil-beneficju tal-mard u ghalhekk mhux fil-pozizzjoni li jaghti manteniment lill-attrici ghaliha; *multo magis*, meta ma jirrizultawx ostakoli ta' sahha sabiex l-attrici tahseb ghal manteniment taghha, kif l-anqas jirrizultaw ostakoli logistici tenut kont li t-tifla llum hija maggjorenni.

"**Komunjoni ta' l-Akkwisti**

"Illi f' dan ir-rigward il-Qorti taddotta il-konsiderazzjonijiet u konkluzjonijiet raggjunti mill-abli perit legali fir-relazzjoni tieghu fil-pagni numri 47 sa 49 [Appendici A][5] li kopja taghhom qieghda tigi annessa mal-gudizzju odjern sabiex tifforma parti ntegrali mill-istess, b' zieda ma dak li ser jinghid hawn that.

"Illi jigi osservat li l-pretensjoni attrici ta' kreditu parafernali fl-ammont ta' LM9,100 [illum €21,197.3] versu l-komunjoni, rapprezentanti flus li, skond hi kienet halset bl-ghajnuna ta' missierha, biex akkwistaw il-fond matrimonjali mhijiex sostnuta minn provi adegwati.

"Ma gew prodotti ebda dokumenti biex jigi provat il-hlas ta' din is-somma sostanzjali, lanqas il-kuntratt ta' l-akkwist tal-fond minghand l-Awtorita' tad-Djar ma gie ezebit; *multo magis* meta, kif jirrizulta pacifiku bejn il-partijiet, il-kuntratt sar fuq isem it-tnejn. Barra minnhekk, din il-pretensjoni taghha hija mdghajjfa wkoll mill-konsiderazzjoni li missierha, fl-affidavit tieghu[6], ma jaghmel ebda accenn ghal xi ghajnuna li l-attrici tghid[7] li hu kien taha f' dan ir-rigward.  Minn naha tieghu l-konvenut jghid li dan il-fond kien inghata lilhom minhabba l-kondizzjoni ta' sahhtu.

"Illi rigward il-pretensjoni tal-konvenut fis-sens li, minhabba l-istat ta' sahhtu, huwa ghandu jigi awtorizzat jghix fid-dar konjugali ad eskluzjoni ta' l-attrici, il-Qorti hi tal-fehema li din il-pretensjoni mhijiex sostenibbli fic-cirkostanzi tal-kaz, u jekk akkolta, issarraf f' ingustizzja fil-konfront ta' l-attrici, stante li: [1]  dan huwa l-uniku assi ta'

[5] Vol.3 – fols.481 sa 483
[6] Vol1 – fol.75
[7] Vol.2 – fol.336

sostanza li ghandhom il-partijiet bejniethom, [2] it-tifla tal-partjiet illum hija maggjorenni u ghalhekk fil-pozizzjoni li tahseb ghal rasha, ghalkemm din baqghet tghix ma' l-attrici u bl-ghajnuna taghha, [3] il-Qorti tosserva li mill-provi ma jirrizultax li l-konvenut tilef id-dawl ta' ghajnejh totalment, tant, li hu jistqarr li jsajjar u jiehu hsieb hwejgu, fi kliem iehor, ghalkemm jirrizulta li l-konvenut mhux tajjeb ghax-xoghol, ma jirrizultax li dan ma jistax ifendi ghal rasu, [4] il-konvenut ghandu mezzi ohra provenienti mill-wirt ta' ommu, [5] iz-zewg partijiet huma hatja tas-separazzjoni, bil-konvenut fi grad izjed ghola mill-attrici.

"L-istess konsiderazzjonijiet japplikaw dwar l-pretensjoni tal-konvenuta kontenuta fis-seba talba taghha li ghandha tigi michuda stante: [1] li hi wkoll hatja tas-separazzjoni, [2] li t-tifla llum hija maggjorennmi, [3] li ma hemm xejn li jzomm l-attrici milli tohrog tahdem sabiex issostni ruhha, u ssib akkomodazzjoni alternattiva.

"Ghalhekk il-Qorti taqbel mal-konkluzjoni tal-perit legali fis-sens li d-dar ghandha tinbiegh u r-rikavat jinqasam ugwalment bejn il-partjiet.

"Fid-dawl tal-premess, il-Qorti tordna li d-dar Entratura B, Flat 2, Binja Kordin, Pjazza Sant' Antnin Paola, tinbiegh fuq is-suq hieles fi zmien sena ghall-prezz mhux inferjuri ghas-somma konkordata bejn il-partiiet, u fin-nuqqas, tinbiegh taht l-awtorita' tal-Qorti wara li tigi stmata mill-Perit Mario Cassar li qed jigi nominat espert ghal dan l-iskop, a spejjez taz-zewg partijet.

"Illi l-ispejjez ta' l-utilitajiet pendenti fuq l-imsemmi fond huma a kariku tal-konvenut li ghadu jirrisjedi fl-istess fond; u permezz tal-gudizzju odjern il-konvenut qed jigi ordnat li jivvaka l-imsemmi fond fi zmien sena millum.

"Illi r-rigward il-mobbli elenakati mill-perit legali fir-relazzjoni tieghu, il-Qorti tordna li dawn jinqassmu wgwalment bejn il-partijiet, u f' kaz ta' dizgwid, tinnomina lill-istimatur Vincent Ciliberti sabiex jistma' dawn il-mobbli u jaghmel pjan ta' qasma, a spejjez taz-zewg partijiet."

Rat ir-rikors tal-appell tal-attrici li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet li din il-Qorti joghgobha "… … … tirriforma s-sentenza tal-ewwel Qorti fl-ismijiet Antoine Bugeja proprio et nomine v. Joseph Bugeja deciza fis-26 ta' Jannar 2012 dan billi:

"1. tikkonfermaha in kwantu ppronunzjat is-separazzjoni personali bejn il-kontendenti, izda tirriformaha fejn attribwiet ir-responsabbilita` parzjali ghas-separazzjoni lill-appellanti billi tiddikjara illi s-separazzjoni sehhet ghal ragunijiet unikament imputabbli lill-konvenut appellat.

"2. thassarha in kwantu cahdet it-tieni talba attrici ghall-manteniment taghha personalment u thassarha wkoll fejn astjeniet milli tiehu konjizzjoni ghall-manteniment tal-bint Maria u tordna lill-istess konvenut ihallas lill-appellanti u lil binthom manteniment arretrat u futur bil-modalita` ta' hin, lok u gurnata.

"3. tikkonfermaha fejn laqghet it-tielet talba fis-sens li applikat fl-intier tieghu l-Artikolu 48 tal-Kap. 16 fil-konfront tal-konvenut, u thassarha fejn applikatu fil-konfront tal-attrici.

"4. tikkonfermaha fejn xoljiet u llikwidat il-komunjoni tal-akkwisti izda tirriformaha kif din giet likwidata.

"5. thassarha fejn cahdet is-seba' talba attrici u tordna lill-attrici tghix esklussivament fid-dar konjugali Entrance B, Flat 2, Binja Kordin, Pjazza Sant'Antnin, Paola.

"Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut appellat."

Rat ir-risposta u l-appell incidentali tal-konvenut li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li fil-waqt din il-Qorti ghandha tichad l-appell tal-attrici, din il-Qorti joghgobha tvarja s-sentenza appellata billi, filwaqt li tikkonferma l-ewwel talba ghas-separazzjoni personali tiddikjara li z-zwieg tkisser unikament tort tal-appellanta; Tvarja s-sentenza wkoll fil-kap tal-ispejjez fejn ghandu jigi dikjarat li l-ispejjez ghandhom jigu sopportati kollha mill-appellanta; Tvarja wkoll is-sentenza fejn l-ewwel Qorti

ordnat il-bejgh tad-dar matrimonjali fi zmien sena, billi din il-Qorti testendi t-terminu li fih l-appellat jghix fid-dar matrimonjali ghall-perjodu itwal sakemm l-appellat isib ‘home’ alternattiva minhabba n-natura ta’ sahhtu u tikkonferma l-kumplament tas-sentenza appellata.

Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanta.

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

Illi din hi kawza ghal separazzjoni personali bejn il-konjugi Bugeja li zzewwgu fit-30 ta’ Jannar, 1993, mil-liema zwieg twieldet tifla li llum ghandha dsatax (19)–il sena. L-ewwel Qorti provdiet billi akkollat it-tort ghall-firda fuq iz-zewg partijiet f’ishma ndaqs, cahdet it-talba tal-attrici ghall-manteniment minghand zewgha, itterminat u xoljiet il-komunjoni tal-akkwisti allura ezistenti bejn il-koppja, u provdiet ghall-bejgh tad-dar matrimonjali.

Mis-sentenza, appellat principalment l-attrici li trid li t-tort ghall-firda jinxtehet kollu fuq il-konvenut zewgha, li ghat-tifla tithallas l-arretrati ta’ manteniment kif kienet stabbiliet il-Qorti, u li jigu varjati xi provvedimenti li tat l-ewwel Qorti fil-kuntest tal-komunjoni tal-akkwisti u d-dar matrimonjali. Il-konvenut ressaq appell incidentali u jrid li t-tort tal-firda jkun kollu tal-attrici martu, u li jigi varjat il-provvediment tal-ewwel Qorti fil-kuntest tad-dar matrimonjali.

Rigward ir-responsabbilita` ghall-firda, il-konvenut jitfa’ t-tort fuq martu peress li din abbandunatu meta, hekk kif beda jghaddi z-zmien, hu aktar beda jimrad, u fil-fatt kwazi ghama, u martu biex ma toqghodx iddur bih, telqet mid-dar matrimonjali u marret lura toqghod ma’ missierha. Jidher, pero`, li l-kovenut ma kienx wiehed li jaghti kaz lill-familja tieghu. L-attrici tatakka lil zewgha b’diversi allegazzjonijiet li ma gewx kontrodetti minn zewgha. Hekk issemmi:

Ir-relazzjoni taghhom kienet sa mill-genesi taghha karatterizzata minn indhil zejjed u inapproprijat da parti ta' omm il-konvenut u dan b'referenza ghall-akkwist tad-dar konjugali;

Il-konvenut ma kienx jindenja ruhu jakkompanja lill-attrici waqt il-viziti ta' rutina ta' waqt it-tqala. Meta l-attrici kienet proprju waslet ghall-hlas, il-konvenut kien ipprefera jerhilha ghall-festa tal-Kuncizzjoni ta' Bormla milli joqghod ma' martu;

Wara t-twelid tal-minuri, l-attitudni tal-konvenut lejn l-attrici iggravat aktar. L-ewwel beda billi ma ghaddilhiex aktar flus ghall-hajja ta' kuljum u dan fuq il-pretest li la hu biss kien jahdem u jgib il-flus id-dar allura hi ma kienx haqqha li zzomm il-flus;

Il-konvenut kien ta' spiss jerfa' jdejh fuq l-attrici u fuq bintu, u dan specjalment wara li kien jigi minghand ommu;

Kien persuna li kien ihobb ihammeg fid-dar b'att apposta u jimmaltrattaha u jzeblaghha specjalment quddiem il-genituri taghha;

Il-konvenut kien jhedded lill-attrici b'mod regolari.

Iz-zewg partijiet jakkuzaw lil xulxin b'agir mhux xieraq fil-konfront ta' binthom, bis-social worker Melanie Darmanin tghid li 'mhux eskluz li l-minuri setghet giet esposta ghal abbuz sesswali u ghal vjolenza domestika'. Kompliet tghid pero`, li filwaqt li l-minuri kellha tibqa' mal-omm, l-access tal-missier, "<u>fuq xewqa tal-istess minuri</u>", kellu jkun taht supervizjoni. L-avukat tat-tfal, fir-rapport taghha, tghid li t-tifla "sostniet li hija tinsab imwegga' bl-agir li missierha kien wera fuqha u fuq ommha meta kienu ghadhom jghixu flimkien. Fuq ommha minhabba swat li ssubiet minghandu u lilha minhabba l-atteggjament 'stramb u oxxen' li wera fil-konfront taghha".

Dawn il-veduti espressi mit-tifla, allura minuri, iwasslu lill-Qorti tqis aktar verosimili dak li qalet l-attrici fuq il-konvenut.

Hemm imbaghad il-fissazzjoni li l-konvenut kellu fuq il-kugina tal-attrici, Jennyfer Caruana. Din tirrakkonta kif il-konvenut kien icemplilha ta’ spiss, jigri warajha u jheggigha tqatta’ xi lejl mieghu. Kien jibghatilha hafna messaggi fejn kien jghidilha li jhobbha hafna u li ma setax joqghod minghajra. Hi kienet tipprova tehles minnu, izda, peress li kien “bniedem fitt, persistenti u kattiv” kienet tibza’ minnu.

Din il-Qorti mhix qed teskludi lill-attrici minn kull responsabbilita`, peress li tidher li kienet mara dominanti u arroganti, pero`, kollox ma’ kollox, tara li l-attitudini tal-konvenut lejn il-hajja in generali u lejn il-familja tieghu in partikolari ma kienitx konducenti ghall-holqien ta’ atmosfera ta’ kollaborazzjoni u ghaqda fiz-zwieg. Issib, ghalhekk, illi filwaqt li hu veru li kien jezisti inkompattibbilita` qawwija fil-karattri taz-zewg partijiet, ghandu jinxtehet grad ghola ta’ responsabbilita` fuq il-konvenut li ma gharafx jaddatta ruhu ghall-hajja ta’ ragel mizzewweg bit-tfal.

Bit-tieni aggravju taghha, l-attrici trid li tinghatha manteniment. Hu veru li din il-Qorti ddipartixxiet mill-konkluzjoni tal-ewwel Qorti li sabet li t-tnejn jahtu ghat-tifrik taz-zwieg, pero`, kif gie osservat mill-ewwel Qorti wkoll, il-konvenut jghix bil-beneficcju tal-mard u mhux fil-posizzjoni li jaghti manteniment lil martu ghaliha. Hu veru li ghandu sehem minn fond flimkien mal-familja tieghu, pero`, ma jidhirx li ghandu bizzejjed likwidita` (meqjus l-istat ta’ sahha tieghu) biex ihallas manteniment. Oltre dan, ma jirrizultawx ostakoli ghall-mara li tahseb ghal manteniment taghha; it-tifla, illum hija maggjorenni u l-attrici ghandha esperjenza ta’ xoghol u zgur, jekk tfittex, kapaci ssib xoghol ghaliha.

Kwindi dan it-tieni aggravju qed jigi michud.

Dwar il-manteniment tat-tifla, din illum ghandha l-eta` taghha u, f’dawn il-proceduri, il-konvenut ma jistax jigi mitlub ihallas manteniment lill-attrici ghal bintu. Jekk it-tifla, jekk ghadha tistudja, tippretendi li ghandha tkompli

tigi mantnuta mill-genituri taghha, ghandha tfittex hi ghad-drittijiet li tippretendi li ghandha (ara **Cilia v. Cilia**, deciza minn din il-Qorti fit-28 ta' Settembru, 2012).

L-attrici qed titlob ukoll hlas tal-arretrati ta' manteniment li kienu dovuti lilha pendente lite. Darba li kien hemm ordni li dawn jithallsu, kellhom jithallsu. Mhux skuza da parti tal-konvenut li jghid li ma setax ihallas ghax kien gie 'boarded out', ghax la darba d-digriet ta' ordni ta' hlas ma giex revokat, il-pagamenti kellhom jibqghu jsiru. Jekk kien difficli ghalih li jhallas, kellu jitlob lill-Qorti biex ikun ezentat; la dan ma ghamlux, irid jerfa' r-responsabbiltajiet tieghu (ara **Xerri v. Magri**, deciza minn din il-Qorti fis-26 ta' Frar, 2009).

Mill-provi jirrizulta li l-konvenut ghad fadallu jhallas is-somma ta' €4,658.75 bhala arretrati ta' manteniment, u l-konvenut qed jigi kkundannat ihallas din is-somma lill-attrici.

Fil-kuntest tal-komunjoni tal-akkwisti, l-attrici talbet kreditu ta' €21,197.30, rapprezentanti flus taghha li harget ghall-akkwist tal-fond matrimonjali. Fuq din il-kwistjoni, pero`, hemm biss ix-xhieda tal-attrici li ma hi korroborata b'ebda dokument jew xhieda indipendenti ohra. Is-somma flus ma hijiex wahda insinifikanti (Lm9,100 fiz-zmien rilevanti kienet somma flus mhux hazin), u xi karta mill-bank jew xi *record* iehor li l-attrici harget din is-somma kellu jigi prodott in sostenn ta' din l-allegazzjoni. Bhall-ewwel Qorti qabilha, din il-Qorti tara li ma saritx prova konkludenti ta' din il-pretensjoni, u l-aggravju relattiv qieghed, ghalhekk, jigi michud.

Fil-kuntest tad-dar matrimonjali, l-ewwel Qorti ordnat li din tinbiegh fi zmien sena ghall-prezz maqbul mill-partijiet jew, fin-nuqqas taht l-awtorita` tal-Qorti. Iz-zewg partijiet appellaw minn din il-parti tas-sentenza, bl-attrici titlob li tkun awtorizzata tghix fil-fond ghal seba' snin shah ad eskluzjoni ta' zewgha, waqt li l-konvenut jitlob li jibqa' jghix fid-dar matrimonjali sa ma jidhol f'dar tal-anzjani.

L-attrici, bhal issa, qed tghix ma' missierha, fejn ilha tghix ghal dawn l-ahhar tmien snin, waqt li l-konvenut thalla jgawdi l-fond wahdu bla ma jhallas kera jew xi forma ta' kumpens. Din il-Qorti ma tarax li hemm xi parti li jisthoqqilha xi preferenza fir-rigward. Il-konvenut gia` gawda mid-dar u, meqjus il-kompartament tieghu mal-familja, kif intwera, ma jimmeritax li jinghata aktar zmien milli kkoncedietlu l-ewwel Qorti. Dwar l-attrici, ma jistax jinghad li hi l-unika vittma fil-kaz, u jkun jaqbel li, issa li t-tifla saret maggorenni, li tinqata' kull bzonn li l-partijiet jirrikorru ghal xulxin.

Kwindi, l-aggravji relattivi qed jigu michuda u l-ordni tal-ewwel Qorti, kif koncepita, qed tigi konfermata.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell incidentali tal-konvenut billi tichad l-istess, u tiddisponi mill-appell principali tal-attrici billi tilqghu biss in parte u tvarja s-sentenza tal-ewwel Qorti fis-sens biss illi (i) issib li l-htija ghall-firda personali ma hijiex tat-tnejn, b'mod ugwali, izda fil-waqt li tghid li z-zewg partijiet ikkontribwew ghall-kollass taz-zwieg, tara li r-ragel ghandu jerfa' aktar piz u responsabbilita` ghall-firda; u (ii) tvarja t-tieni decide, billi tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' €4,658.75 bhala arretrati ta' manteniment – is-sentenza tal-ewwel Qorti hi kkonfermata ghall-bqija.

L-ispejjez kollha tal-kawza jithallsu kwantu ghal terz ($^{1}/_{3}$) mill-attrici u zewg terzi ($^{2}/_{3}$) mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------